MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru. 31/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Abraham Zammit)**

**vs**

**MARK LAWRENCE RIZZO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark Lawrence Rizzo ta’ 38 sena, bin Emanuel u Doris nee’ Spiteri, imwieled l-Ingilterra fit-8 ta’ Lulju 1965 residenti numru 4, Triq San Frangisk, Rahal Gdid u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ b’numru 216383(M).

Gie akkuzat talli mill-Qasam Industrial ta’ Bulebel limiti ta’ Zejtun, f’16 ta’ Dicembru 2002 u f’xhur ta’ qabel din id-data:-

A) ikkommetta serq ta’ deversi ogetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, lok, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (LM1,000) ghad-detriment ta’ Anthony Bartolo u ghal Gvern ta’ Malta;

B) Ukoll talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharrraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara tiskorri il-valur ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-valur ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu tal-Gvern Ta’ Malta;

C) u aktar istess cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwisti b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod dahal biex ibieghhom jew imexxihom;

D) fl-ahharnett akkuzat ukoll tallli sar recidiv b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta skond l-Artikoli 49 u 50 Tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru defenittivi w ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba, li f’kaz ta’ htija, minbarra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lilll-hati jhallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu li tinsab a fol. 84 tal-Process u nnutat li l-imputat Mark Lawrence Rizzo m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Mark Lawrence Rizzo iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza A).

Il-Qorti wissiet lill-imputat Mark Lawrence Rizzo bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Mark Lawrence Rizzo wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza A).

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-akkuza A) migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza C) migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza A) migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mill-alkohol.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 325, 334, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mark Lawrence Rizzo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza A), u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u cioe' li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mill-alkohol, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Mark Lawrence Rizzo taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema serja ta' abbuz mill-alkohol.

Rigward l-akkuza A) migjuba kontra l-imputat Mark Lawrence Rizzo li tirrigwarda serq aggravat, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward l-imsemmija akkuza A) migjuba

kontra l-imsemmi imputat kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza A) migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Mark Lawrence Rizzo.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Mark Lawrence Rizzo kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Mark Lawrence Rizzo l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------